# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D. – AĠENT PRESIDENT

## ONOR. MARK CHETCUTI LL.D.

## ONOR. ROBERT G. MANGION LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 18 ta' April, 2018**

**Kawża Numru 1**

**Appell Numru 35/16/1JVC**

Sharon Rose **ROCHE** *nee'* Bellamy

vs

**ID-DIRETTUR TAD-DIPARTIMENT GĦALL-*ISTANDARDS* FIL-ĦARSIEN SOĊJALI** u l-Avukat Jean Paul Grech in rappreżentanza tal-imsiefer Dean Michael Roche

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mir-rikorrenti Sharon Rose Roche (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti"), fil-kwalita' tagħha fuq imsemmija, fil-21 ta' Diċembru, 2016, minn sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Taqsima Ġenerali (minn issa 'l

hemm imsejħa "l-Ewwel Qorti"), fit-2 ta' Diċembru, 2016, li permezz tagħha u għar-raġunijiet hemm imsemmija dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-ġudikat imqajma minn kull wieħed mill-imħarrkin b'riferenza għal dak li kien inqata' b'sentenzi mill-Qrati fi proċeduri bejn l-istess partijiet;

2. L-Ewwel Qorti hekk qatgħet fil-parti deċiżiva tas-sentenza appellata: "*Illi l-punt kollu applikabbli għall-eċċezzjoni mqajjma mill-konvenuti hija li l-bażi tal-kawża odjerna, iddawwarha kif iddawwarha, hija l-kweżit dwar l-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin da parti ta' Dean Michael Roche għal dik li hija t-talba għar-ritorn tal-minuri. Din il-Qorti hija sodisfatta li dan il-kweżit ġie ampjament deċiż fil-kawża fl-ismijiet* ***Direttur għad-Dipartiment fl-Istandards fil-Ħarsien Soċjali vs. Sharon Rose Roche nee Bellamy*** *(10/2015) u dak li qed jintalab minnha llum mill-attriċi odjerna huwa li taġixxi bħala qorti tat-terza istanza u terġa' tirrivedi deċiżjoni li llum hija res judicata bejn il-partijiet. Illi din il-Qorti tista' taqbel jew ma taqbilx mad-deċiżjoni preċedenti b'mod partikolari ma' dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fuq il-punt tal-ġurisdizzjoni, kif ukoll, din il-Qorti li għexet il-proċeduri ta' separazzjoni sa mill-bidu tagħhom, tista' taqbel jew ma taqbilx jekk f'dik id-deċiżjoni verament tpoġġiex fuq quddiem nett l-interess suprem tal-minuri u tispera li d-deċiżjonijiet aħħarija dwar l-istess minuri jittieħdu fl-aħjar interess tiegħu u ta' ħadd aktar, iżda ma tistax f'dan l-istadju taġixxi kontra ċ-ċertezza u l-interess pubbliku u għalkemm verament l-eċċezzjoni tar-res judicata għandha tingħata applikazzjoni strettissima, fil-każ odjern ma tqisx li għandha alternattiva għajr li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Dean Michael Roche u l-ħames eċċezzjoni tad-Direttur intimat u tiddikjara li l-kawża odjerna hija milquta bil-ġudikat. Il-Qorti għar-ragunijiet kollha suesposti, għaldaqstant, tgħaddi biex tilqa' ż-żewġ eċċezzjonijiet tar-res judicata u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża odjerna*";

3. Fir-Rikors tal-Appell tagħha, u għar-raġunijiet u l-aggravji hemm imsemmija, l-appellanti talbet li din il-Qorti tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tar-'*res judicata*' u terġa' tibgħat l-atti ta' din il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi fil-mertu dwar it-talba attriċi bl-spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

4. Fis-**sentenza li minnha tressaq dan l-appell**, l-Ewwel Qorti qieset l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari b'dan il-mod qabel għaddiet biex tilqagħhom: "*Illi din hija deċiżjoni preliminari dwar eċċezzjoni ta' res judicata mqajjma miż-żewġ konvenuti fil-konfront tal-attriċi kif ukoll f'każ li l-eċċezzjonijiet jiġu miċħuda, din il-Qorti hija mitluba li tagħti deċiżjoni dwar jekk għandhiex issir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJEU) kif mitluba permezz tal-verbal datat 15 ta' Ġunju, 2016 fol. 33 a et seq tal-process.*

*"Illi l-fatti fil-qosor huma li Sharon Rose Roche nee' Bellamy u Dean Michael Roche huma miżżewġin u minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri Kayden fil-Gżira ta' Għawdex li llum għandu ħames (5) snin. Wara t-twelid tal-minuri l-koppja Roche marru jirrisjedu fir-Renju Unit u t-tnejn li huma kienu jaħdmu f'dak il-pajjiż. Fl-istess ħin il-koppja xtraw ukoll residenza fil-gżira ta' Għawdex filwaqt li l-attriċi kellha wkoll proprjeta' parafernali tagħha f'Għawdex. Fis-sajf tas-sena 2014 l-attriċi kellha bżonn tiġi għal ftit ġimgħat Għawdex sabiex tieħu ħsieb l-ommha li kellha tagħmel operazzjoni u dan għamlitu bil-konoxxenza u l-kunsens tal-konvenut Dean Michael Roche. Hija ġiet fil-gżira ta' Għawdex flimkien ma' binha minuri Kayden. Fil-mument li ġiet hawn l-attriċi ssostni li ddeċidiet li ż-żwieġ tagħha mal-konvenut ma setax ikompli allegatament għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut fosthom il-vizzju tax-xorb. Issostni għalhekk li hija ddeċidiet li tibqa' tgħix fil-gżira ta' Għawdex u fetħet proċeduri ta' separazzjoni tista' tgħid ftit jiem wara li ġiet fil-gżejjer Maltin permezz ta' medjazzjoni. Pendente lite l-attriċi talbet il-kura u l-kustodja tal-minuri Kayden liema talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet proviżorju datat 12 ta' Settembru, 2014. Sussegwentement jirriżulta li Dean Michael Roche ġie notifikat bil-medjazzjoni u ġie wkoll intavolat rikors għar-revoka tad-digriet proviżorju dwar il-kura u l-kustodja li ma ġiex milqugħ. Il-medjazzjoni evolviet f'digriet għall-ħlas proviżorju ta' manteniment mill-konvenut lill-attriċi għall-wild minuri u wasslet ukoll sabiex ġiet preżentata kawża ta' separazzjoni fil-konfront tal-konvenut fejn il-konvenut f'dak l-istadju ma oġġezzjonax għall-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin għal dik li hija separazzjoni iżda żamm ferm id-drittijiet tiegħu għall-kawża sabiex jiġi ritornat il-minuri li fil-frattemp kienet intavolata mid-direttur konvenut kontra l-attriċi. Konsegwenti għal dan kollu ġew intavolati numri ta' kawżi, anki kostituzzjonali li lkoll jinsabu allegati mal-proċess odjern.*

*"Illi permezz tal-kawża odjerna l-attriċi qed tallega li d-Direttur intimat ma setax jipproċedi bil-kawża għar-ritorn tal-minuri għaliex skont hi l-missier "aċċetta" l-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin u għalhekk tisħaq li l-proċeduri meħuda mid-Direttur konvenut huma nulli. Hija ssemmi diversi stadji fejn il-konvenut missier għandu jitqies jew jista' jitqies li aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin fosthom fl-istadju tal-medjazzjoni, fir-risposta tiegħu għall-kawża tas-separazzjoni kif ukoll mat-talba tiegħu sabiex jintervjeni fil-kawża kostituzzjonali li ntavolat l-attriċi. Issostni wkoll li l-konvenut ma kellu l-ebda jedd fil-liġi li jagħżel li jaċċetta l-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin għal dik li hija separazzjoni personali bejn il-partijiet iżda jeskludi l-ġurisdizzjoni fuq il-kwistjoni tar-ritorn tal-minuri lejn ir-Renju Unit li fil-bidu tal-medjazzjoni kienet għadha ma ġietx intavolata filwaqt li mal-intavolar tal-proċeduri kontensjużi ta' separazzjoni l-kawża għar-ritorn tal-minuri kienet pendenti.*

*"Illi skont l-attriċi minħabba l-allegata aċċettatazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, legalment ma setgħux jiġu applikati l-Hague Convention 1980 u l-Brussels II Regulations u per konsegwenza l-proċeduri li ttieħdu mid-Direttur konvenut sabiex il-minuri jiġi ritornat lura lejn ir-Renju Unit huma llegali, irritwali u nulli u appuntu qed titlob li din il-Qorti tiddikjara bħala llegali, irriti u nulli tali proċeduri.*

*"Da parti tagħhom il-konvenuti jsostnu li l-kwistjoni dwar il-ġurisdizzjoni kienet ġia ġie(t) sollevata mill-attriċi odjerna fil-kawża tar-ritorn tat-tifel intavolata mid-Direttur konvenut u ġew saħansitra deċiżi fil-proċeduri ta' ritorn tat-tifel.*

*"Illi bejn il-partijiet, fost oħrajn, jirriżulta li preċedentement għall-kawża odjerna kien hemm pendenti l-kawżi segwenti u ngħatat id-deċiżjoni segwenti:*

*"(1) Is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja fl-24 ta' Lulju 2015 għar-rikors oriġinali tar-ritorn (Rikors Numru 10/2015), f'liema deċiżjoni l-Qorti kienet ċaħdet it-talba għar-ritorn. Iċ-ċaħda kienet ibbażata fuq l-artikolu 13(b) tal-Hague Convention u l-artikolu 11(4) tal-Council Regulation 2201/2003 bil-parti rilevanti għall-kawża odjerna tkun dik li ssegwi:*

*'Consent for removal and acquiescence in the retention of the child:*

*'Respondent argues also that her husband then acquiesced to the retention of the child in these islands as he only requested the present proceeding in December of last year, when his child had been in Gozo since August. He also accepted the jurisdiction of the Maltese Courts when he participated in mediation proceedings initiated by her before this Court and even visited his son, with his wife's approval, while on the island. However, as rightly pointed out by applicant, the fact that the father was trying to reach an amicable solution to this problem did not amount to such acquiescence. Furthermore it was only natural for him to want to see his son and his contacts with his wife for such a purpose should not be interpreted as acquiescence. As clearly stated by Lord Browne-Wilkinson in Re H and Others (minors) (Abduction: Acquiescence): "Although each case will depend on its own circumstances, I would suggest that judges should be slow to infer an intention to acquiesce from attempts by the wronged parent to affect a reconciliation or to reach an agreed voluntary return of the abducted child. The Convention places weight on thedesirability of negotiating a voluntary return of the child: See Art 7(c) and Art 10... Attempts to produce a resolution of problems by negotiation or through religious or other advisors do not, to my mind, normally concede an intention to accept the status quo if those attempts fail. It is for the judge, in all the circumstances of the case, to attach such weight as he thinks fit to such factors in reaching his findings as to the state of mind of the wronged parent."*

*"(2) Is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-tletin (30) ta' Ottubru 2015 in segwitu għall-appell li sar mid-Direttur intimat wara d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tal-24 ta' Lulju 2015 fejn ġiet revokata d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u milqugħa t-talba sabiex il-minuri jiġi ritornat fir-Renju Unit fejn il-parti rilevanti għall-kawża odjerna taqra kif isegwi:*

*'36. Fit-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-Omm tissottometti li l-Missier aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin bil-fatt li huwa "is participating fully" fil-proċeduri tas-separazzjoni inizjati mill-Omm fil-Qorti ta' Għawdex mingħajr ma ssolleva l-vertenza dwar il-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti. Hija tgħid li b'dan il-fatt huwa ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti u li dan jammonta għall-akkwijexxenza da parti tiegħu. Hija tkompli tispjega hekk dan l-aggravju: "Participating in court proceedings in a certain jurisdiction without raising the issue of jurisdiction as a preliminary matter is not trying to find an amicable solution but participating in the litigation with the full knowledge that one is accepting the jurisdiction of the Court he is litigating in front of [sic]. The question between respondent and Dean Michael Roche is no longer in the stages of mediation."*

*'37. Dwar dan, din il-Qorti tibda biex tiċċita t-tieni eċċezzjoni tal-Missier u l-għaxar paragrafu tar-risposta ġuramentata tiegħu fil-kawża tas-separazzjoni:*

*'2. Illi huwa jopponi sabiex il-kura u l-kustodja tal-iben minuri Kaden Mario Roche tkun unikament f'idejn ir-rikorrenti. Il-kura u kustodja tal-wild minuri għandha tkun konġunta f'idejn iż-żewġ partijiet u għandhom jiġu stabbiliti ħinijiet u modalitajiet ta' aċċess. Tali aċċess għandu ukoll jinkludi żjajjar tal-minuri fir-Renju Unit ……. Dan fl-eventwalita' li*

*jiġi deċiż li l-minuri għandu jibqa' jgħix hawn Għawdex u ma tintlaqax it-talba tal-missier sabiex it-tifel jirritorna lura lejn ir-Renju Unit."*

*'10. Din ir-risposta ġuramentata qegħdha tiġi preżentata mingħajr preġudizzju għall-appell numru 10/2015 fl-ismijiet Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien tal-Familja vs Sharon Rose Roche nee Bellamy, liema appell jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u f'liema proċeduri qiegħed jintalab li Kaden Mario Roche jiġi ritornat lura l-Ingilterra stante li nżamm hawn Malta mingħajr il-kunsens tal-missier."*

*'38. Mill-premess jirriżulta ċar li, għalkemm il-Missier ma kellux problema li l-qrati Maltin jiddeċiedu l-kawża tas-separazzjoni li fetħet martu ħamest ijiem wara li niżlet Għawdex, inkluża l-vertenza dwar il-kura u kustodja tat-tifel u d-drittijiet tal-aċċess, iżda xorta waħda żamm impreġudikata t-talba tiegħu magħmula f'dawn il-proċeduri għar-ritorn tat-tifel. Mit-termini tal-eċċezzjoni tiegħu jirriżulta manifest li huwa kien qed jikkondizzjona l-aċċettazzjoni tiegħu li l-vertenza tiġi deċiża mill-qrati Maltin kemm-il darba t-talba tiegħu, magħmula preċedentement għar-risposta ġuramentata, dwar ir-ritorn tal-minuri tiġi miċħuda.*

*'39. Il-premess juri biċ-ċar li ma kienx hemm akkwijexxenza da parti tal-Missier għar-ritenzjoni tat-tifel tiegħu f'Malta u l-provi juru li, minkejja li fil-proċeduri ta' separazzjoni nizjati mill-Omm fil-Qorti tal-Maġistrati [Għawdex] huwa ma kkontestax il-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti għal dawk il-proċeduri, iżda fl-istess proċeduri, permezz tar-risposta preżentata minnu, huwa ndika b'mod ċar li huwa ried li l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma tkunx deċiża minn dik il-Qorti u kien baqa' jinsisti li t-tifel jiġi ritornat lura l-Ingilterra. Jirriżulta għalhekk ċar u nekwivokabilment li huwa kellu l-intenzjoni li jkompli jasserixxi d-dritt tiegħu għar-ritorn tal-minuri. Dan joħroġ ċar mit-termini tar-risposta ġuramentata u b'mod partikolari mill-paragrafu 10 tal-istess risposta.*

*'40. Għaldaqsant dan l-aggravju qed jitqies infondat u qed jiġi miċħud."*

*"(3) Is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell wkoll fis-sbatax (17) ta' Mejju 2016 in segwitu għat-talba għar-ritrattazzjoni li saret mir-rikorrenti odjerna wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-tletin (30) ta' Ottubru 2015 fejn ġiet konfermata l-validita' tad-deċiżjoni preċedenti tal-Qorti tal-Appell fejn fil-parti rilevanti għall-kawża odjerna jingħad kif isegwi:*

*'Din il-Qorti eżaminat il-lanjanza tar-ritrattandi u tgħid mill-ewwel li ma irraviżat ebda żball ta' fatt fis-sentenza attakkata. Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha, rat li l-missier aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' Għawdex għall-fini ta' separazzjoni personali bejnu u martu, u interpretat dan il-fatt bħala li ma jeskludix li l-minuri, li qed jinżamm hawn Malta illeċitament, jiġi ritornat lejn l-Ingilterra. Wieħed jista' ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni, pero', ma jistax jingħad li, fuq il-fatti, sar żball.*

*'Jiġi rilevat illi dak li kellha quddiemha din il-Qorti kien biss talba għar-ritorn tal-minuri lejn il-pajjiż fejn għandu r-residenza ordinarja tiegħu. Din tista' titqies bħala "faccata wahda" tal-problemi u l-kwistjonijiet li għandhom il-partijiet, pero', il-kawża ma hijiex intiża biex tiddetermina xi waħda minn dawn il-problemi. Din il-Qorti sempliċement aċċertat ruħha li l-minuri kien qed jinżamm Malta illeċitament, skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Ajja tal-1980, u ordnat ir-ritorn tiegħu lejn pajjiżu. Ir-Regolament 2201/2003 tal-Unjoni Ewropeja jitkellem fost oħrajn, fuq kawżi intizi għad-determinazzjoni ta' min għandu jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri, iżda din il-kawża ma għandhiex dan il-fini, u lanqas ma hi intiża biex tiġi stabbilita xi responsabbilita' ta' wieħed mill-ġenituri lejn il-minuri. Fuq kollox dan l-istess Regolament jikkumplimenta l-Konvenzjoni tal-Ajja, u hu*

*rilevanti l-Artikolu 11 tar-Regolament li jitratta dwar ir-ritorn ta' minuri lejn l-istat membru ta' oriġini f'każ ta' ħtif. Il-Konvenzjoni tal-Ajja, u l-Att lokali dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta) jobbligaw l-Istat fejn il-minuri jinstab sabiex jordnaw ir-ritorn tiegħu lejn l-Istat tar-residenza abitwali tiegħu, appuntu sabiex il-kwistjoni ta' responsabbilita' tal-ġenituri tiġi determinata quddiem il-Qorti kompetenti, u mhux, kif qed titlob ir-rikorrenti ritrattandi f'dan il-każ, quddiem il-Qorti ta' Għawdex. L-ordni proviżorja ta' kura u kustodja li ngħatat f'dan il-każ mhux ta' ostakolu għal dan il-proċess, għax hi ordni temporanja sabiex fil-frattemp jiġu salvagwardati l-interessi tal-minuri.*

*'Fir-rikors tal-appell sar l-argument li għal dan il-każ japplika Artikolu 12 tar-Regolament 2201/2003 (Prorogation of Jurisdiction), u li ġialadarba l-missier aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin biex tiġi deċiża l-kwistjoni dwar il-kura u kustodja tal-minuri allura l-Konvenzjoni tal-Ajja ma tapplikax. Pero' dan hu każ ta' child abduction, u għalhekk japplika l-Artikolu 10 tar-Regolament (Jurisdiction in cases of Child Abduction). Provvediment li jidher li hu ntiż sabiex ma jippermettix li l-ġurisdizzjoni tinbidel permezz ta' ħtif. Dan apparti li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza preċedenti kkonsidrat l-allegata akkwijexxenza tal-missier biex it-tifel jibqa' Għawdex u kkonkludiet li f'dan il-każ ma kienx hemm kunsens tal-missier."*

*"Illi jirriżulta li fir-rikors ta' ritrattazzjoni l-attriċi kienet oriġinarjament inkludiet ukoll aggravju li kien jaqra kif isegwi:*

*'Illi hemm lok għal ritrattazzjoni tal-kawża u tas-sentenza fuq imsemmija a bażi tal-artikolu 811(ċ) li jipprovdi li hemm lok għal ritrattazzjoni jekk is-sentenza tkun mogħtija minn Qorti nkompetenti minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni kif hemm imsemmi fil-paragrafu (a) tal-artikolu 741, basta li qabel ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża l-eċċezzjoni tal-inkompentenza."*

*"Konsegwentement dan l-aggravju ġie rtirat mill-attriċi fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Mejju 2016. <u>Għaxart ijiem wara li ġie rtirat dan l-aggravju fil-kawża ta' ritrattazzjoni l-attriċi ppreżentat il-kawża odjerna bit-talbiet kif ġia suesposti</u>.*

*"**Bażi Legali tar-Res Judicata***

*"Illi huwa ben stabbilit li sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eċċezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u ċioe' dawk definiti bħala l-"eadem causa petendi, eadem personam u eadem res" u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li għandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-ġudikat ta' sentenza oħra, jeħtieġ illi jirriżulta illi fil-fatt fiż-żewġ kawżi hemm l-istess partijiet, l-istess oġġett u l-istess natura tal-kawża jew kawżali. Fin-nuqqas li jikkonkorru t-tliet elementi ma jkunx jista' jingħad li l-ħaġa hija l-istess - nisi omnia concurrunt, alia res est.*

*"Illi huwa mportanti li jingħad li dwar il-kunċett purament ċivili ta' res judicata kif sanċit fl-artikolu 730 tal-Kap.12 l-eċċezzjoni tar-res judicata għandha dejjem tiġi deċiża b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ġġib in-nullita' tas-sentenza.*

*"Illi fis-sentenza* **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et** *intqal li:-*

*'Eċċezzjoni bħal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt iżda hi waħda ta' natura prettament ġuridika. Huwa importanti pero', u għandu jinżamm dejjem in mira, illi l-prinċipji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-ġurisprudenza stabbilita in*

*materja, iżda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-każ taħt diskussjoni u tal-portata tas-sentenza preċedenti……….."*

*'Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni oħra tiġi ribadita l-enunċazzjoni kaptata mid-deċiżjoni fl-ismijiet 'Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et', Appell Kummerċ, 5 ta' Novembru 1934":-.*

*'Illi dan peress (li) "exceptio rei judicatae" għandha bħala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll għaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li għaddiet "in giudicatio", jiġifieri li ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma tajba u sewwa u tal-ħaqq - "res judicata pro veritate habetur" – jiġifieri l-fundament tal-"actio" u tal-"exceptio judicat"' hija preskrizzjoni legali, u għalhekk hija "strictissimae interpretationis".*

*"Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibbilta' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbilta' ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat; minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni.*

*"Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa bilanċjat b'dak l-ieħor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma tistax issir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwistjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża jkun diġa' jeżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża.*

***"Illi għalhekk isegwi li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat mal-eżistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jsiru u li jwasslu għal dik is-sentenza; fuq dan il-punt ingħad diversi drabi li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha nteress li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-causa petendi fit-tieni provediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat.***

*"Illi min-naħa l-oħra fis-sentenza fl-ismijiet* ***Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et*** *ġie ritenut li sakemm ma jkunx hemm ebda deċiżjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx ġiet prekluża minn ebda deċiżjoni definittiva mogħtija fil-ġudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deċiża, u ma jistax mill-parti l-oħra jingħad li għad-deċiżjoni josta l-ġudikat. Dan ifisser li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tiġi ammessa b'ċirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eċċezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bħal meta si tratta minn inċident proċesswali li jqum fil-kors tal-ġudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjaħ tal-ġudikat, hemm bżonn li l-kwistjoni tkun ġiet 'effettivament' deċiża bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setgħet tiġi deċiża. Infatti huwa magħruf li "nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata."*

***"Eadem Res***

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-eadem res, fis-sentenza **Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited** ġie kkonfermat li din għandha "tinkorpora li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għat-talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza li għaddiet in ġudikat".*

*"Illi l-bażi għal dan ir-rekwiżit hija għalhekk ċara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiża sabiex tottjeni xi ħaġa differenti għal dak li kien ipprova jitlob b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oġġett ta' talba ġdida hu simili għal ta' deċiżjoni preċedenti, din is-similarita' mhix ostaklu għal talba ġdida għaliex l-effetti ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat huma limitati għal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u għal dak li jkunu ddeċidew il-Qrati.*

*"**Eadem causa petendi:***

*"Illi għar-rigward tal-eadem causa petendi, din il-kondizzjoni tirrikjedi li "the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-ġdida, tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat.*

*"Illi l-Prof. Caruana Galizia f'"Notes on Civil Law" (Pt.IV p.1428) spjega li l-causa petendi hi "the title on which the demand is based" . Illi għalhekk, din hija t-titlu, ċioe', l-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-eadem causa petendi tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuti fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat.*

*"**Eadem personae:***

*"Illi dwar l-eadem personae, fis-sentenza fl-ismijiet **Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia** il-Qorti qalet li "biex ikun hemm il-ġudikat, jeħtieġ...li s-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni..." Illi pero' dan ma jfissirx li "l-promoturi tal-istess proċedura setgħu jipproponu mill-ġdid kawża identika bl-inseriment ta' persuna tagħhom li ma kinitx verament neċessarja mill-aspett legali".*

***"Applikazzjoni tal-prinċipji suesposti għall-mertu tal-eċċezzjoni:***

*"Illi da parti tagħhom il-konvenuti jsostnu li l-bażi tal-kawża odjerna hija l-kwistjoni dwar jekk il-konvenut odjern Dean Michael Roche għandux jitqies li aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin anki għal dik li hi talba għar-ritorn tal-minuri b'dana li għandu jitqies allura li rrinunzja għad-dritt li jitlob l-istess ritorn u konsegwentement id-Direttur konvenut ma kellux il-jedd għan-nom tal-istess Dean Roche jippersisti bil-kawża għar-ritorn.*

*"Illi ma hemmx dubju mill-brani tal-deċiżjonijiet hawn fuq ikkwotati li kull Qorti b'xi mod jew ieħor daħlet f'analiżi tal-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni stante li tqajjmet mill-konvenuta (llum attrici) f'diversi stadji tal-kawża kemm fil-prim-istanza, fl-appell u saħansitra fir-ritrattazzjoni.*

*"Illi ma hemmx dubju wkoll li fis-sentenza tal-prim'istanza tali lment kif imqajjem mill-konvenuta llum attriċi ma ngħatax raġun għalkemm f'dak l-istadju t-talba għar-ritorn tal-minuri ġiet miċħuda. Ma hemmx dubju wkoll li fl-istadju tal-appell dik l-Onorabbli Qorti wkoll daħlet fil-fond dwar dan l-ilment tal-konvenuta llum attriċi tant li daħlet anki f'analiżi tad-digrieti tal-Qorti tal-Familja kif ukoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut quddiem il-Qorti tal-Familja iżda kkonkludiet li ma kienx minnu li l-konvenut kellu jiġi kkunsidrat li aċċetta l-*

*ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin għal dik li hija t-talba tiegħu (tramite d-direttur konvenut odjern) sabiex il-minuri jiġi ritornat fir-Renju Unit.*

*"Illi fl-istadju tar-ritrattazzjoni l-konvenuta l-ewwel ressqet aggravju dwar il-kwistjoni tal-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni da parti tal-konvenut Roche iżda għażlet li tirtirah u ftit jiem wara nfetħet il-kawża odjerna. Nonostante dan dik il-Qorti wkoll fid-deċiżjoni tagħha wkoll daħlet f'analiżi tal-kwistjoni dwar ġurisdizzjoni mqajjma mill-attriċi odjerna u ddikjarat li għalkemm wieħed ma setax neċessarjament jaqbel mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell il-punt kien li l-kwistjoni kienet fil-fatt ġiet deċiża.*

*"Illi għal dak li huwa l-element ta' l-eadem res u cioe' l-oġġett tal-kawża, il-kawża ntavolata mid-Direttur konvenut odjern kienet intiża sabiex jingħata ordni biex il-minuri jiġi ritornat lura fir-Renju Unit. F'dik il-kawża l-attriċi odjerna qajmet il-punt tal-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin da parti tal-konvenut odjern u dan ġie miċħud. L-oġġett tal-kawża odjerna huwa li abbażi tal-pretensjoni tal-attriċi odjerna li l-konvenut aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin, jiġu annullati l-proċeduri meħuda mid-Direttur fejn ġie finalment ordnat permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li jigi ritornat il-minuri fir-Renju Unit.*

*"Illi din il-Qorti tqis li għalkemm il-mod kif l-attriċi odjerna ressqet is-sottomissjonijiet tagħha huwa ferm inġenjuż fis-sens li hi qed tinsisti li l-oġġett taż-żewġ kawżi mhux l-istess għaliex waħda kienet titlob ir-ritorn tal-minuri u l-oħra qed titlob in-nullita' tal-proċedura li ordnat ir-ritorn tal-minuri, il-pern u l-bażi taż-żewġ kawżi huwa identiku u ċioe' ir-ritorn jew le tal-minuri fir-Renju Unit u dan irrilevantament mill-fatt li fil-kawża tad-Direttur l-attriċi odjerna kienet konvenuta filwaqt li fil-kawża odjerna l-partijiet huma bil-maqlub. Fil-kawża ntavolata mid-direttur konvenut intalab li l-minuri jiġi ritornat fir-Renju Unit filwaqt li l-konvenuta f'dik il-kawża ressqet diversi oġġezzjonijiet għal tali talba fosthom l-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin minn missier il-minuri l-konvenut odjern Dean Roche. Fil-kawża odjerna l-attriċi qed titlob li ma tiġix infurzata d-deċiżjoni li ordnat li l-minuri jiġi ritornat fir-Renju Unit abbażi tal-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin minn missier il-minuri l-konvenut odjern Dean Roche. Idawwarha kif iddawwarha l-oġġett tal-kawża jibqa' l-istess ċioe' ir-ritorn tal-minuri fir-Renju Unit. Għaldaqastant din il-Qorti tqis li l-kriterju tal-eadem res jissussisti bejn iż-żewġ kawżi ai fini tal-eżami tal-eċċezzjoni tar-res judicata.*

*"Illi għal dak li huwa l-element tal-eadem causa petendi jirriżulta li fil-kawża msejsa mid-Direttur l-oppożizzjoni tal-attriċi odjerna għar-ritorn tal-minuri fir-Renju Unit, fost oħrajn, kienet l-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin da parti tal-konvenut Roche odjern. Dik il-Qorti ddeċidiet dan il-punt kemm fi stadju ta' prim'istanza (għalkemm irrifjutat ir-ritorn għal raġunijiet oħra) kif ukoll fi stadju ta' appell fejn iddikjarat skjettement li tali lment dwar l-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin imressaq mill-attriċi odjerna ma kienx qed jiġi milqugħ. Fil-kawża odjerna l-attriċi qed titlob lil din il-Qorti sabiex terġa' tiftaħ dan il-punt li ġia ġie deċiż u terġa' tirrevedi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li kjarament iddikjarat kontra l-argument tal-attriċi odjerna kif isegwi:*

*'39. Il-premess juri biċ-ċar li ma kienx hemm akkwijexxenza da parti tal-Missier għar-ritenzjoni tat-tifel tiegħu f'Malta u l-provi juru li, minkejja li fil-proċeduri ta' separazzjoni inizjati mill-Omm fil-Qorti tal-Maġistrati [Għawdex] huwa ma kkontestax il-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti għal dawk il-proċeduri, iżda fl-istess proċeduri, permezz tar-risposta preżentata minnu, huwa indika b'mod ċar li huwa ried li l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma tkunx deċiża minn dik il-Qorti u kien baqa' jinsisti li t-tifel jiġi*

*ritornat lura l-Ingilterra. Jirriżulta għalhekk ċar u inekwivokabilment li huwa kellu l-intenzjoni li jkompli jasserixxi d-dritt tiegħu għar-ritorn tal-mjigi meqjus li accetta jew le l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ghal dak li hija t-talba ghar-ritorn tal-minuri. Dan joħroġ ċar mit-termini tar-risposta ġuramentata u b'mod partikolarli mill-paragrafu 10 tal-istess risposta.*

*'40. Għaldaqsant dan l-aggravju qed jitqies infondat u qed jiġi miċħud."*

*" Il-Qorti minn analiżi tal-premessi tal-kawża odjerna ma sabet l-ebda bażi oħra għat-talbiet attriċi għajr in-nuqqas ta' qbil tal-attriċi odjerna mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell dwar jekk il-konvenut Roche kellux jigi meqjus li aċċetta jew le l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin għal dak li hija t-talba għar-ritorn tal-minuri lejn ir-Renju Unit u tagħmel referenza partikolari għall-premessa bin-numru 7 tar-rikors ġuramentat. Huwa minnu li fis-sottomissjonijiet tagħha l-abbli difensur tal-attriċi qajjem punti oħra li strettament ma ssemmewx fir-rikors ġuramentat jew aħjar jespandu fuq ir-rikors ġuramentat iżda l-bażi kollha ta' dawn il-punti mqajjma, inkluż it-talba għar-referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tibqa' l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni li evidentement ġia ġiet deċiża,* ***mingħajr bidla fid-deċiżjoni fuq il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni din il-kawża ma tistax tkompli****. Il-Qorti għalhekk tqis li anki l-element tal-eadem causa petendi huwa sodisfatt.*

*"Illi finalment dwar l-aħħar element rikjest sabiex tiġi ġjustifikata l-eċċezzjoni tar-res judicata u ċioe' l-eadem peronae l-attriċi odjerna tissottometti li l-partijiet fil-kawża preċedenti mhumiex l-istess stante li l-missier Dean Roche ma kienx parti fil-proċeduri miftuħa mid-direttur illum konvenut. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni(jiet) stante li huwa ovvju li d-Direttur f'dik il-kawża kien qed jaġixxi fl-interess u f'isem l-istess konvenut odjern Dean Roche u dan ai termini tal-konvenzjoni, altrimenti d-Direttur ma kellu ebda raġuni għalfejn jiftaħ il-kawża għar-ritorn tal-minuri. Ghandu jitqies għalhekk li l-partijiet fil-kawżi huma l-istess, tant li fil-kawża odjern(a) ġie ndikat il-missier speċifikatament bħala konvenut filwaqt li fil-kawża l-oħra kien irrappreżentat mid-Direttur. Il-Qorti tqis għalhekk li anki dan l-element sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tar-res judicata huwa sodisfatt"*;

5. L-**aggravji tal-appellanti** għall-imsemmija sentenza jinġabru taħt disa' (9) rjus, għalkemm fil-qofol tagħhom jinġabru taħt l-aggravju li ma huwiex minnu li jirriżultaw l-elementi mitluba mil-liġi biex setgħet tabilħaqq tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Hija tgħid li (i) filwaqt li l-Ewwel Qorti qalet sewwa li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tintlaqa' b'reqqa u mhux kif ġieb u laħaq, u biss dwar kwestjoni li tkun 'effettivament' ingħatat sentenza dwarha, l-istess Qorti marret kontra dak il-prinċipju; tgħid ukoll li (ii) jonqos l-element tal-"*eadem res*" billi dak li hija qiegħda titlob f'din il-kawża huwa differenti minn dak li sar u ġie diskuss fil-proċeduri li wasslu għas-sentenzi msemmija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u li dwarhom intlaqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat; fit-tielet lok (iii) l-appellanti tgħid li filwaqt li l-Ewwel Qorti qalet sewwa li l-element tal-"*eadem causa petendi*" jitlob li l-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż f'kawża jkun l-istess bħal dak li dwaru tkun ingħatat sentenza li marret f'ġudikat, l-Ewwel Qorti sabet ħażin meta qieset li l-fatt ġuridiku li jsejjes din il-kawża tagħha tal-lum huwa l-istess fatt ġuridiku li sejjes is-sentenzi msemmija minn dik il-Qorti meta ġiet biex tilqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Fir-raba' lok (iv), l-appellanti tħossha aggravata mis-sentenza

appellata għaliex tgħid li l-Ewwel Qorti dehret li ma fehmitx ir-raġuni u l-portata ta' din il-kawża, li hija tgħid tikkonsisti fil-kwestjoni dwar punt ta' liġi tal-Unjoni Ewropeja (liema punt l-ebda Qorti għadha ma tat sentenza dwaru) u mhux wieħed ta' ġurisdizzjoni. Il-ħames ilment tal-appellanti hu (v) li l-Ewwel Qorti fehmet ħażin li, fil-proċedura tar-ritrattazzjoni, l-appellanti kienet qajmet kwestjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni u mbagħad irtiratu. Fis-sitt u s-seba' lmenti tagħha, l-appellanti (vi) terġa' tirreferi għall-element tal-"*eadem res*" u tgħid li l-Ewwel Qorti naqset li tifhem x'kien mistħarreġ fil-kawżi li sabet li ħalqu l-ġudikat u x'irid ikun diskuss f'din il-kawża u (vii) b'mod partikolari li din il-kawża titlob li l-Qorti ssib li l-proċeduri mnedija mid-Direttur appellat saru bi ksur tal-liġi, ma sarux sew u ma jiswewx u għalhekk imisshom jitħassru. It-tmien aggravju (viii) jerġa' jirreferi għall-element tal-"*eadem causa petendi*" u l-appellanti tgħid li fis-sentenzi li tqajmu biex isejsu l-eċċezzjoni tal-ġudikat, ma saritx distinzjoni bejn meta persuna toqgħod għall-ġurisdizzjoni ta' qorti u meta persuna ma topponix li minuri jibqa' f'pajjiż li fih ikun ittieħed. Fid-disa' lok, (ix) l-appellanti tilmenta wkoll li ma jikkonkorrix l-element tal-"*eadem personam*" billi d-Direttur appellat ma kellu qatt ir-rappreżentanza tal-appellat Dean Michael Roche u lanqas deher fil-proċeduri fl-interess tiegħu;

6. Bit-Tweġiba mressqa fl-10 ta' Jannar, 2017[1], l-appellat Dean Michael Roche jgħid li l-appell imressaq mill-appellanti huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt u, għar-raġunijiet hemm estensivament imfissra, jgħid li din s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet tajba u mistħoqqa u li l-appell minnha jmissu ma jintlaqax għaliex għall-kawża tal-lum jirriżultaw l-elementi kollha biex tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

7. Bit-Tweġiba mressqa fis-17 ta' Jannar, 2017[2], u għar-raġunijiet dettaljatament hemm imfissra, l-appellat Direttur jgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma b'kundanna għall-appellanti għall-ħlas tal-ispejjeż doppji;

8. Wara li b'degriet tad-29 ta' Mejju, 2017, intlaqgħet talba magħmula mill-appellanti waqt is-smigħ tat-3 ta' April, 2017, għar-rikuża tat-tliet imħallfin milli jkomplu jisimgħu l-appell imressaq minnha, b'ordni tal-4 ta' Lulju, 2017[3], inħarġet surroga biex l-appell jinstema' mill-Qorti kif issa komposta;

9. B'rikors imressaq fis-7 ta' Lulju, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellanti qanqlet l-eċċezzjoni tar-rikuża tat-tliet imħallfin hekk surrogati;

[1] Paġġ. 150 sa 164 tal-proċess
[2] Paġġ. 166 sa 181 tal-proċess
[3] Paġ. 324 tal-proċess

10. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Awwissu, 2017[4], u għar-raġunijiet hemm imsemmija, din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-appellanti;

11. B'rikors imressaq fl-4 ta' Ottubru, 2017, l-appellanti talbet li din il-Qorti tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li b'rikors ieħor imressaq fis-6 ta' Ottubru, 2017, l-appellanti talbet li din il-Qorti kif komposta tieqaf milli tkompli tisma' l-Appell sakemm tinqata' s-sentenza ta' kawża kostituzzjonali dwar ilment tagħha ta' ksur ta' jedd fundamentali li hija ressqet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)[5];

12. Fis-16 ta' Jannar, 2018[6], din il-Qorti ċaħdet iż-żewġ talbiet b'żewġ provvedimenti u għar-raġunijiet imfissrin fihom;

13. Fis-smigħ tas-26 ta' Frar, 2018, saret it-trattazzjoni tal-appell fil-mertu u l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

## Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-Appell

14. Jibda biex jingħad li, minkejja l-bosta episodji proċedurali li tqanqlu fil-kors tas-smigħ ta' dan l-appell u l-qafas tal-għadd ta' kawżi li nfetħu marbuta mal-ġrajja li wasslet għalihom, il-kwestjoni waħdanija li għandha quddiemha din il-Qorti hija dik marbuta mal-eċċezzjoni tal-ġudikat u dwar jekk l-Ewwel Qorti kellhiex raġunijiet tajba u għamlitx sew li laqgħetha;

15. Il-Qorti taqbel mal-appellati li, fil-qofol tiegħu, l-appell tal-appellanti jinġabar taħt aggravju wieħed, jiġifieri li għall-kawża tal-lum ma jeżisti l-ebda ġudikat li jżommha milli tinstema' u tingħata sentenza dwarha u li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-elementi mitluba mil-liġi biex waslet li tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni. L-appellanti tifrex dan l-aggravju ewlieni fuq l-elementi kollha u taħt għadd ta' rjus ta' lment;

16. Kemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u kif il-partijiet fl-atti mressqin minnhom fl-ewwel istanza u wkoll fl-atti ta' dan l-Appell taw ġabra mirquma tal-prinċipji stabbiliti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza dwar l-elementi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat u l-effetti tagħhom. Il-Qorti ma jidhrilhiex li

[4] Paġġ. 343 – 6 tal-proċess
[5] Rik. Kost. 77/17LSO
[6] Paġġ. 396 sa 406 tal-proċess

għandha għalfejn ittawwal fuq dan, ukoll għaliex il-partijiet jaqblu mal-aspetti dottrinali involuti;

17. Dak li l-appellanti ma taqbilx miegħu hu li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma ħaddmitx sewwa l-prinċipji aċċettati u ma messhiex għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni. Formalment, l-appellanti għadha tisħaq li l-ebda wieħed mit-tliet elementi marbuta mal-eċċezzjoni tal-ġudikat – l-*eadem res*, l-*eadem causa petendi* u l-*eadem personam* – ma jirriżultaw bejn il-kawża tal-lum u l-kawżi li dwarhom ingħataw is-sentenzi li qegħdin jinġiebu bħala r-raġuni tal-ġudikat li jorbot;

18. Fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha, l-appellanti trid li l-Qorti ssib li l-proċeduri għar-radd lura ta' binha minuri Kaden Mario Roche lejn ir-Renju Unit kif mibdija bir-Rikors Numru 10 tal-2015 fl-ismijiet "*Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali vs Roche Sharon Rose nee' Bellamy*" saru bi ksur tal-liġi, huma irriti u ma jiswewx u għalhekk huma bla ebda effett legali. Din hija t-talba waħdanija li saret mill-attriċi appellanti. Talba f'kawża titfisser mill-premessi li jwasslu għaliha. Fil-każ tal-lum, ir-Rikors Maħluf li fih saret it-talba mill-appellanti fih disa' (9) premessi li erbgħa (4)[7] minnhom jintrabtu għal kollox maċ-ċirkostanza li l-appellat Dean Michael Roche kien naqas li jeċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati f'Malta fil-kwestjonijiet matrimonjali li nqalgħu bejnu u l-attriċi martu l-appellanti, u dan iwassal għalhekk biex il-proċediment imniedi mid-Direttur appellat biex il-minuri jitreġġa' lura fir-Renju Unit tilef kull siwi. Minħabba li l-imsemmi proċediment intemm b'sentenza fi grad tal-Appell, ma hemmx l-iċken dubju li t-talba attriċi f'din il-kawża trid ukoll li kull sentenza mogħtija f'dak il-proċediment titqies li hija kontra l-liġi, irrita u bla ebda effett legali;

19. Illi l-appellanti ma semmiet l-ebda raġuni oħra li wasslitha biex torbotha mat-talba waħdanija tagħha msemmija, minbarra dik li taċċenna għaliha fl-imsemmija erba' premessi tal-azzjoni promotriċi tagħha. Dan ifisser li hija stenniet li l-Qorti li quddiemha ressqet il-kawża kellha tqis is-siwi tat-talba tagħha sewwasew billi tqis is-siwi tal-istess premessi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li jixraq li ssemmi li ġej għaliex, fil-fehma tagħha, jixhed b'mod ċar u x'kellha f'moħħha l-attriċi appellanti meta fetħet din il-kawża u xi trid tikseb minnha. Fl-għaxar (10) paragrafu tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2016[8], hija u tittratta t-talba tagħha biex l-Ewwel Qorti tikkunsidra li tibgħat rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja, l-attriċi appellanti tiddikjara dan li ġej "*Qed jiġi ritenut, u għalhekk saret dina l-kawża li mill-mument li Dean Michael Roche aċċeta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin id-Direttur għal Ħarsien fl-Istandards Soċjali ma messux kompla bil-proċeduri*

[7] Ir-raba', is-seba', it-tmien u d-disa' paragrafi tar-Rikors Maħluf promotur
[8] Paġġ. 63 sa 72 tal-proċess (a fol. 70)

*tar-ritorn, il-Qorti tal-Appell ma messhiex ippronunzjat ruħha u rrovexxjat is-sentenza tal-Qorti ta' Għawdex tal-24 ta' Lulju 2014. Darba li l-konvenut aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ma baqgħux jagħmlu aktar sens il-proċeduri tar-ritorn għaliex id-degriet tal-Qorti tal-Familja (Għawdex) tat-3 ta' Diċembru 2014 ikkonfermat b'dak tat-3 ta' Marzu 2013 li afda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-omm issa japplika fil-konfront tal-missier, u 'erga omnes' u ċjoe' kull Qorti oħra li qabel mal-missier aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin seta' kellha dik il-ġurisdizzjoni (fil-każ tagħna l-Qrati Ingliżi). .. .. .. Dan il-punt dannu* [*recte: donnu*] *sfuġġa lis-sinjuri imħallfin tal-Appell u lil kull imħallef jew imħallfa oħra li messet ma' dan il-każ sew fil-proċedura tar-ritorn kif ukoll dawk kostituzzjonali*";

20. Mill-kliem hawnhekk mislut din il-Qorti ingħatat mill-appellanti nnifisha l-mottiv u l-għan li wassluha biex tiftaħ il-kawża tal-lum u kif bihom hija tqis li nħalaq 'ġudikat' favuriha li stabilixxa fatt (li l-appellat Roche qagħad għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin) u ħalaq effett (li l-proċeduri għar-radd lura tal-minuri fir-Renju Unit issejsu fuq tħaddim ħażin tal-liġi) li jwasslu biex dawk il-proċeduri jitqiesu ma jiswewx;

21. Waqt li kienet qiegħda tisma' t-trattazzjoni tal-Appell, il-Qorti rat li l-element tal-eċċezzjoni tal-ġudikat li l-partijiet tassew saħqu dwaru huwa dak tal-istess oġġett tal-azzjoni ("*eadem causa petendi*"). L-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti ma seħħilhiex tħaddem sewwa d-duttrina għaċ-ċirkostanzi;

22. Il-Qorti fliet b'reqqa r-raġunament imfisser fis-sentenza appellata fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-partijiet kollha fil-kawża u ssib li dan l-aggravju tal-appellanti mhuwiex mistħoqq. It-talba tal-attriċi appellanti biex il-Qorti ssib ma jiswewx il-proċeduri għat-treġġigħ lura tal-minuri fir-Renju Unit jiddependu – kif tgħid l-istess appellanti – fuq is-sejbien li l-appellat Roche kien qagħad għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin u b'effett ta' hekk xejjen kull ħtieġa u sens li jitkomplew l-imsemmija proċeduri. Din il-kwestjoni kienet mistħarrġa mill-Qrati fis-sentenzi li dwarhom qiegħda titqajjem l-eċċezzjoni tal-ġudikat u kienet għal kollox korretta l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta qalet li ma setgħetx tqis it-talba attriċi jekk mhux billi tqis mill-ġdid ħaġa li, taqbel jew ma taqbilx magħha, tagħmel parti minn sentenzi li jikkostitwixxu ġudikat. Biex l-ewwel Qorti twarrab l-eċċezzjoni u tibqa' tisma' u taqta' l-kawża mressqa quddiemha mill-appellanti, ried ikollha kawżali oħra li, kif ingħad qabel, fir-Rikors promotur ma hemmx sewwasew għaliex l-attriċi appellanti għażlet li ssejjes l-azzjoni tagħha fuq dik il-kawżali waħdanija;

23. L-istess ħsieb jgħodd għall-element tal-istess oġġett tal-kawża ("*eadem res*"). Huwa stabilit li mhux meħtieġ li jkun hemm l-identita' assoluta bejn it-talba li tifforma l-mertu tas-sentenza li saret ġudikat u t-talba fit-tieni kawża, għaliex hu meqjus biżżejjed li jkun hemm xebh f'tali punt kontrovers[9]. Dan jinkwadra ruħu f'dak li fid-duttrina huwa magħruf bħala l-"*giudicato esplicito*" u l-"*giudicato implicito*"[10];

24. L-appellanti tgħid li fl-ebda waħda mill-kawżi li fihom ingħataw sentenzi li issa qegħdin jissemmew biex isejsu l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma saret talba bħalma hemm fil-kawża tal-lum. Hija tgħid li din hija l-ewwel azzjoni fejn qiegħed jintalab espressament li l-proċediment għar-radd lura tal-minuri fir-Renju Unit jinstab li tmexxa bil-ksur tal-liġi u ma jiswiex. Tgħid li talba bħal dik ma saritx qabel u ma ngħatat l-ebda sentenza dwarha;

25. Il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument tal-appellanti. Il-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[11]. Daqstant ieħor, jekk bejn it-talba tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[12] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

26. Fi kliem ieħor, jekk biex tirnexxi l-azzjoni mressqa mill-attriċi appellanti l-Qorti trid tilqa' premessa li diġa' ġiet eskluża espressament f'sentenza li għaddiet in ġudikat, il-Qorti ma tistax twarrab kulma sar u ngħad qabel u taqta' kontra dak li, fi proċeduri oħrajn, ġie stabbilit u maqtugħ. F'ċirkostanza bħal din l-eċċezzjoni tal-ġudikat iżżomm milli jsir hekk;

27. Fl-aħħarnett, l-appellanti tgħid li kien jonqos ukoll l-element tal-identita' tal-partijiet ("*eadem personae*") li, bis-saħħa tiegħu, seta' jingħad li nħalaq il-ġudikat. Hija tgħid li fil-proċeduri għar-ritorn tal-minuri l-appellat Dean Michael Roche ma kienx parti u għalhekk dan l-element ma jissussistix;

28. Il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument. Fl-ewwel lok, kif sewwa tgħid id-Direttur appellata fit-Tweġiba tagħha, il-proċeduri għar-radd

---

[9] P.A. **28.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.243**) u App. Ċiv. **15.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.51**)
[10] Ara App. Inf. **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Camilleri et vs Mario Borġ pro et noe et***
[11] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[12] Ara App. ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**) fuq imsemmija.

lura tal-minuri Kaden Mario Roche tnedew fuq talba li l-istess appellat Dean Michael Roche kien ressaq quddiem l-awtorita' kompetenti fir-Renju Unit biex f'ismu jintalab ir-radd lura ta' ibnu f'dak il-pajjiż. Id-Direttur appellat mexxiet f'isem u fl-interess tal-imsemmi appellat Roche il-proċeduri attakkati mill-attriċi appellanti fil-kawża tagħha tal-lum. Fit-tieni lok, l-appellanti ma fissret imkien għaliex, jekk inhu tabilħaqq li l-appellat ma kienx parti fl-imsemmija proċeduri li llum trid li jitħassru, għalfejn ħasset il-ħtieġa li tiftaħ din il-kawża kontra tiegħu wkoll. Fis-sewwa, għalhekk, il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward ukoll u tikkonfermahom;

29. Fid-dawl tal-kostatazzjonijiet li saru, il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellanti dwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti ma huwiex mistħoqq u l-appell tagħha mhux sejjer jintlaqa';

30. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell tal-attriċi mhuwiex mistħoqq u t-talba tagħha għat-tħassir tas-sentenza appellata mhix qiegħda tintlaqa', bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Moqrija**

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph R Micallef**<br>**Imħallef** | **Mark Chetcuti**<br>**Imħallef** | **Robert G Mangion**<br>**Imħallef** |